Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 219 / 2014

Il-Pulizija

(Spettur Jesmond Micallef)

vs

**Eric Sciberras Balbi**

Illum, 28 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Eric Sciberras Balbi, iben Joseph, imwieled Pieta' , fis-16 ta' April, 1990, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 198690 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-11 t' Ottubru, 2012, matul il-jum u cioe' ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs), f' dawn il-gzejjer u cioe' gewwa l-fond numru 95, Flat 3, Triq ix-Xatt, Pieta' , minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe' ta' Veronica Muscat f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Veronica Muscat, u dan kif gie certifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei, ai termini ta' l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' Veronica Muscat, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta' Veronica Muscat;

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 214 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu disgha (9) xhur prigunerija. In oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 383 ta' l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza Veronica Muscat u ghaz-zammha ta' l-ordni pubblika rabtet lill-imputat b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Euro (€500) ghal perjodu ta' sena li tibda tiddekkorri minn meta jiskonta l-piena imposta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Eric Sciberras Balbi minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-14 ta' Mejju 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tikkonferma li mhux hati tat-tieni, tielet u raba akkuzi u imbaghad ssibu mhux hati ta' l-ewwel akkuza u fin-nuqqas taghti sentenza akrat ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher bl-aktar mod car li l-Qorti kienet rrifaccjata b' nuqqas ta' provi mill-prosekuzzjoni biex tissostjena l-verzjoni taghha u l-Ewwel Qorti bir-rispetr kollu pprovat tuza l-logika, izda fil-fatt li ghamlet ghamlitha ta' investigatur meta r-rwol taghha mhix li timla l-vojt tal-prosekuzzjoni, izda tara jekk il-provi li tresqu jwasluha ghal konviciment ' l hinn minn kull dubju regonevoli. B' hekk l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kienet *unsafe and unsatisfactory* b' mod oggettiv.

Illi l-ewwel strahet principalment fuq il-verzjonijiet tal-parte civile u l-appellant. Minkejja huwa ovvju li tali xhieda kienu importanti hafna, x-xhieda tal-pulizija u anki l-omm l-appellant jistghu jaghtu hjiel ta' dak li fil-fatt gara.

Illi l-verzjonijiet tad-dinamika ta' l-incident huwa ferm differenti. Skont il- parte civile l-appellant qabad it-tazza u kissirha ma wiccha. L-appellant jinnega dan u jghid li kien ghamel kienet manuvra fuq is-sufan meta kienu hdejn xulxin biex jiccaqlaq u meta l-parte civile nizlet biex taqbad tazza bl-ilma hu caqlaq saqqajh u laqghatha b' impatt b' sahtu li kisser it-tazza f' wiccha.

Illi l-prosekuzzjoni resqet bhala xhieda l-pulizija li mar fuq il-post immedjatament wara l-incident li qal li ra l-appellant fi stat ta' paniku. Il-Qorti kwotat fis-sentenza dak li PC 309 Brian Xuereb sema l-appellant jghid "zbaljajt .. zbaljajt". L-appellant jissottometti li mhux qed jikkontesta l-fatt li kien il-kawza li t-tfajla tieghu wegghet u tilfet ghajnha u bhala konsegwenza jhossu li fattwalment u moralment hu responsibbli ghal dak li gara, izda l-Qorti trid tara limitatament jekk l-appellant kien kriminalment responsibbli, Ir-reazzjoni ta' l-appellant meta ra d-demm f' wicc il-parte civile ma kienx ta ' wiehed j istenna minn aggressur jew bniedem vjolenti, izda ta' persuna li ma emminx dak li kien ghadu kemm gara. Ovvjament kien jiddispjacieh ta' dak li gara.

Illi biex izzid ma' dan kif l-Ewwel Qorti qalet hi stess ma kienx hemm kliem ta' theddid u fil-fatt l-appellant kien gie liberat mill-akkuzi ta' theddid u ta' biza t a ' persuna li intenzjonalment ghamlet ferita ta' natura gravi. Il-Parte Civili u l-appellant kellhom argument dwar ix-xoghol jew ahjar in-nuqqas ta' xoghol tieghu. Ma kienx argument vjolenti, izda skambju ta' kliem u l-anqas kliem iebes. Importanti li jghid li mill-provi jirrizultat li t-tnejn kellhom argumenti simili u l-appellant qatt ma kellu reazzjoni vjolenti.

Illi b' hekk b' mod oggettiv, ir-reazzjoni qabel u wara l-incident ma jaghtux sostenn ghal verzjoni tal-parte civile u anzi taghti aktar sostenn il-verzjoni ta' l-appellant ,

Illi l-Ewwel Qorti qalet kien il-verzjoni ta' l-appellant "hija inverosimili ghall- ahhar u ma taghmel l-ebda sens". Oggettivament il-verzjoni ta' l-appellant huwa fil-fatt probabbli. L-appellant spjega fix-xhieda tieghu li l-parte civile kienet qeghda titbaxxa wara li hadet it-tazza f' idejja u dak il-hin l-appellant caqlaq b' mod goff. Din kienet id-dinamika ta' l-incident , Coffee table huwa aktar baxx mis-sufan u jekk wiehed jrid jaqbed tazza minn fuq il-coffee table jrid jitbaxxa. Izda hemm element importanti li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx u din hija l-parte civile qatt ma qalet fix-xhieda taghha li l-appellant hataf it-tazza minn idejha biex jkissirha f' wiccha. L-anqas ma qalet li l-appellant kellu tazza f' idejh jew min fejn gab it-tazza. B' hekk l-parte civile ma spjegatx minn fejn gie t-tazza li kellu f' idejh l-appellant, izda sempliciment li faqqa tazza go wiccha.

Illi diffett iehor fl-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti kienet rigward il-qtugh f' idejn l-appellant. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-impatt tat-tazza kien tant qawwi li l-appellant "soffra griehi". Izda l-Ewwel Qorti ma ratx dawn il-griehi u l-anqas hemm ritratti fil-process jew gie nominat espert mediku. Ghaliex l-appellant spjega lill-pulizija li l-griehi gew ghaliex gabar il-bicciet ta' hieg minn ma' l-art. B' hekk wiehed jifhem li jekk vera l-appellant kisser it-tazza f' wicc il-parte civile, il-griehi f' idejh kellhom jkunu sostanzjali b' lacerations li jidhru sew u jkollhom bzonn medikazzjoni. Tajjeb wiehed jsemmi li l-pulizija li kienu fuq il-post ftit wara l-incident ma jirrapportawx li l-appellant kellu dawn il-griehi. B' hekk wiehed jista' jghid b' certu serenita li l-verzjoni ta' l-appellant huwa verosimili. Izda l-aktar importanti l-Ewwel Qorti qabzed ghal konkuzzjoni minghajr ma kellha provi prodotti quddiemha. Hadd ma ra dawn il-griehi hlief l-appellant stess u l-ispettur investigattiv. Minkejja dan l-Ewwe1 Qorti qabzet ghall-konkluzzjonj li l-griehi kienu tali entita li kienu kompatibbli ma' dawk ta' persuna li tkisser tazza b' impatt qawwi. Dan ma kienx il-kas,

Illi bir-rispett kollu kien hemm ghagla mill-Ewwel Qorti meta apprezatat il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni u mill-parte civile, tant li kkundannat l-appellant b' mod zbaljat meta hemm dubbju ragonevoli rigward kif gara l-incidenti. Gustament l-Ewwel Qorti kkummentat li l-verzjoni tal-parte civile kien konciza, izda l-appellant ma jaqbilx li kienet fattwali. Fix-xhieda taghha l-parte civile spjegat id-dinamika ta' l-

incident f' traskrizzjoni ta' lanqas nofs pagna f' afol 34 tal-process. Il-parte civile tghid li l-appellant "*immarkakahhili ma' wicci ... Qabad it-tazza u mmarkkhili ghal go wicci, taghni daqqa bit-tazza* ...." Ghal prosekuzzjoni kienet bizzejjed ghaliex il-mistoqsijiet ta' wara kienu dwar jekk l-appellant kienx se jikkommetti suwicidju jew le. Izda fil-verita l-ispjegazzjoni tal-parte civile thalli aktar mistoqsijiet u jekk dawn il-mistoqsijiet ma gewx risposti minn provi ohra , b' hekk jibqghu mistoqsijiet u bhala rizultat dubju ragonevoli.

Illi l-parte civile ma tghid xejn dwar il-pozizzjoni ta' l-appellant meta allegattament markkhielha. Jekk kien bil-qeghda u qabad tazza (ma nafux minn fejn, jekk minn idejjha jew mill-mejda) b' hekk il-probabbilita kien jaghtieha daqqa fuq in-naha l-aktar vicin tieghu. Fil-fatt ma kienx il-kas ghaliex il-giehi tal-parte civile kienu fuq in-naha tax-xellugg taghha, meta kien fuq il-lemin taghha. Jekk l-appellant qam bil-wieqfa u kien faccata taghha u hu "right handed" b' hekk huwa plawsibbli li seta jaghmel feriti fuq in-naha tax-xellug ghaliex huwa aktar facli li jaghti d-daqqa b' dan il-mod. Izda jidher li fil-verzjoni tal-parte civile, l-appellant kien ghadu bil-qeghda hdejha br-rizultat li kien jintefa fuqha biex jilhaq in-naha tax-xellugg u dan anki jekk bil-qeghda koxxa ma' koxxa , li ma nafux jekk kienux. L-appellant jissottometti li l-pozizzjoni tal-griehi jindikaw l-incident ghaliex jekk il-parte civile tbaxxiet biex taqbad it-taxxa u tpoggieha ma' halqha filwaqt fl-istess hin l-appellant gholla saqqajh b' tali mod li gholla t-tazza a go wiccha. B' hekk m' huwiex barra minn hawn, li d-dinamika ta' l-impatt ikkawzaw il-griehi b' certu qawwa u l-pozizzjoni taghhom.

Illi b' hekk l-appellant jissottometti kontrajament ghal dak li hemm fis- sentenza li n-nuqqas ta' informazzjoni u d-dettalji mill-parte civili mhix vantagg biex jigi accettat il-verzjoni taghha u fil-fatt l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti huwa "*unafe*" ghall-ahhar biex wiehed jsib il-htija u taghti sentenza ta' prigunerija effettiva.

Illi l-appellant jixtieq jappella mis-sentenza ta' disa xhur prigunerija effettiva, fejn l-Ewwel Qorti tat l-impressjoni li dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza ta' prigunerija effettiva f' kull kas ta' vjolenza. Dan mhuxil-kas. B' hekk l-appellant jikkwalifika ghal kull sentenza alternattiva minn dik ta' prigunerija. Dan barra l-fatt li hemm element

uman fejn hu jghix ma' ommu, li hija single mother u hija marida hafna u ghandha bzonn l-ghajnuna tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja giet esebieta il-fedina penali tal-appellant. Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) giet moqrija l-akkuza bil-gurament filwaqt li sussegwentement fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Otturu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdu l-Ispettur Jesmond Micallef u Veronica Muscat izda minhabba hsara fl-apparat elettroniku regghu xehdu fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012).

L-**Ispettur Jesmond Micallef** xehed li nhar il-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm, il-Pulizija tal-Ghassa tal-Msida gew infurmati li kien hemm argument gewwa l-fond numru 95, Flat 3, Triq ix-Xatt tal-Pieta', fejn l-informazzjoni li dahlet kienet ili f'dan l-argument kien hemm persuna femminili li kienet sfat feruta permezz ta' tazza. Il-Pulizija tal-Msida marru fuq il-post fejn hemm hekk huma u diehlin fil-post nnutaw li kien hemm diversi qtar ta' lewn hamrani probabilment demm illi kien mal-art barra il-bieb tal-fond numru 3. Il-pulizija habtu fuq dan il-bieb u fethilhom is-Sur Eric Sciberras Balbi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 198690m fejn waqt illi fethilhom, is-Sur Balbi kien qieghed jibki. Huwa dak il-hin stqarr illi kien ghadu kif kellu argument mat-tfajla illi wara giet identifikata bhala Veronica Muscat u fl-istess argument kien kissrilha tazza fuq wiccha u aktar tard peress illi kellha l-feriti ttiehdet permezz ta' ambulanza l-Isptar Mater Dei. Il-Pulizija waqt li kienu fil-fond innutaw li kien hemm diversi ticpiss ta' lewn hamrani proababilment demm u nnutaw li kien hemm tazza imkissra li kienet

tinsab fejn is-sufan tal-living room. Is-Sur Eric ittiehed l-Ghassa tal-Msida mal-Pulizija u minn hemm hekk il-Pulizija marru Mater Dei biex jaraw il-kondizzjoni ta' Veronica Muscat. Il-Pulizija tkellmu ma' Dr. Lorna Attard fejn qaltilhom li dak il-hin is-Sinjorina Veronica Muscat kienet tinsab l-Ophtalmic biex tigi ezaminata minhabba li kellha ferita f'ghajnejha wkoll. Gie infurmat b'dan il-kaz u ordna li s-Sur Sciberras Balbi jigi arrestat u informa lil Magistrat tal-Ghassa Dr Marsanne Farrugia dwar dan l-arrest. Aktar tard il-Pulizija gabret zewg certifikati medici mahruga fuq is-Sinjura Veronica Muscat li kienu jghidu li kienet qed issoffri minn feriti ta' natura gravi.

Fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) ghal habta tal-4:30pm kien kellem lis-Sur Eric Sciberras Balbi li gharaf fl-awla bhala l-imputat fejn inghata t-twissija li kellu dritt li ma jwegbx ghad-domandi li se isirilu u kif ukoll gie mgharraf li ghandu dritt jikkonsulta privatament ma' avukat Clifton Grima. Aktar tard is-Sur Balbi rrilaxxa stqarrija fejn qal li kien qieghed fid-dar ta' ommu flimkien mat-tfajla tieghu Veronica Muscat fejn bdew jargumentaw fuq affarijiet ta' bejniethom, rigward xi xoghol, u f'hin minnhom huwa laqat b'saqghajh lit-tfajla tieghu Veronica Muscat li nzertat dak il-hin kienet qed tixrob u kagun t'hekk it-tazza inkisritilha f'wiccha u huwa stess kien cempel ghal ambulanza. Irilaxxa stqarrija illi ghazel li jiffirma. Fuq l-istqarrija gharaf il-firma tieghu, tas-Sur Eric Sciberras Balbi kif ukoll tal-Pulizija 1510 Michael Pace.

Huwa prezenta l-current incident report bhala Dok 1, zewg certifikati medici dwar Veronica Muscat, estratt tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, nota ta' arrest u stqarrija tal-imputat.

Fil-current Incident Report tnizzel li '*The Div. Police were informed by control room that there was an argument at the address 95 Flat 3, Triq ix-Xatt, Pieta and from information they had a someone smashed a gllass into his girlfriend face.*

*The Police went on site and noticed several drops of blood outside the flat 3 door, the police knocked on the door and a certain Eric Sciberras Balbi ID:198690M opened the door and same was crying. He stated that he kicked his girlfried in the face and smashed a glass that she was drinking from in her face. Sma e confrmed that she was taken by ambulance to Mater Dei.*

*When the Police went inside it was noticed that there was a lot of blood everywhere including the sitting room were this happened and a glass was noticed broken on the sofa.*

*Eric was crying alot and it was decided to take him to the Msida police station and we proceeded to Mater Dei to check the condition of Veronica Muscat ID: 406192M. The Police spoke with Dr. Lorna Attard (3458) were she stated that currently patient is at Ophtalmic Ward to be examined and she will inform us when she is back at the A&E Dept.*

*Duty Insp. Jesmond Micallef was duly informed and same confirmed to arrest Eric Sciberras Balbi. Same was informed with his rights, on what he was being arrested and right to speak with a lawyer.*

*Eric Sciberras Balbi requested to speak with a lawyer namely Dr. Clifton Grima, same was contacted and confirmed that he will come to the station at 1930Hrs to speak with him in person. Mr. Balbi signed a copy of the lawyer declartaion.*

*Dr. Grima came to Msida Police station and spoke with Eric Sciberras Balbi from 19:30Hrs till 20.00Hrs in private.*

*Dr. Lorna Attard informed this end that she issued the certificate and she certified her that she is suffering from grevious injuries, same is still at the Ophtalmic Ward and she will under go surgery.*

*The Div. Police spoke with Veronica Muscat at Mater Dei Hospital where she stated that all she remembers is that she was sitting on the sofa in the living room and she had a verbal fight with Eric and was hit in the face by a glass. When asked if she remembers if she had thhe glass in her hand or not she confirmed that she is not sure. When asked if there was anyone present either then Eric in the Flat same stated that there was his mother but she was in another room.*

*Marthese Scibeerras Balbi ID: 32861M was spoken to and same stated that she was at her house and when Veronica came she made her a cup of coke and went to sleep, then she was woken up by her son.*

*Dr. Suzanne Pirotta (3146) of the Ophthalmic issued a meical certificate and found her suffering from Grevious injuries.'*

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **Veronica Muscat** fejn mistoqsija x'gara fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012)

wieget li marret l-iskola, gurnata normali wara baqghet sejra ghand l-gharus taghha Eric u Eric ma kienx id-dar. Hija gharfet lill-imputat fl-awla. Tghid li d-dar sa fejn taf hi ta' ommu, hu jghix ma ommu hemm hekk. Kien hemm ommu u marru fis-salott u bdew jitkellmu diskursata normali u gabitla x'tixrob. Imbghad gie Eric ghax kien qieghed interview u gie jpoggi hdejha. Spjegat '*Bdejt nghidlu x'qalulu u hekk u fis-sena u tlett xhur illi ghamilt mieghu, iktar ma hadimx milli hadem. Bdejt nghidlu issa jekk jaghzluk, ghamel hiltek ha tibqa hemm hekk. Huwa dejjem sostna illi jrid futur mieghi u kont nghidlu illi barra x-xoghol li ghandek, trid taghmel part-time. Huwa dejjem kien jirrabja meta nghidlu hekk u speci qabad it-tazza li kont qed nixxrob minnha jiena, immarkahhili ma' wicci.*' Qalet li t-tazza kienet fuq il-mejda '*quddiemna ghax huwa kien fuq iks-sufan. Imbghad ghedtlu illi jekk se tibqa b'din l-attitudni ma nistghax nibqa mieghek ghax ma nistghax nibni futur ma' xi hadd ma jahdimx.* Qabad it-tazza u mmakkhili ghal go wicci, taghni daqqa bit-tazza.' Mistoqsija mill-Qorti 'Mhux tefghalek it-tazza?' wiegbet '*Le ghamel hekk mhux waddabieli.*' Mistoqsija jekk faqahiex ma wicca, wiegbet iva.

Mistoqsija '*Jigifieri it-tazza meta huwa qedghilek ma' wiccek, it-tazza inkissret?*' Wiegbet '*Ma nafx ghax dak il-hin lanqas l-ugieh ma bdejt inhoss bid-daqqa illi kellhi u kont liebsa qalziet car u intlili kollu demmu mort nigri fil-kamra tal-banju u rajt ghajnejja u imniehri kollu miftuh u kollu demm. Imbaghad dak il-hin Eric hareg fil-kurutur u ghajjat lil ommu ghax kienet fil-kamra tas-sodda u dik qaltlu 'xghamiltilha kemm init kattiv.' Gibtlu il-mobile u ghedtlu 'cempel lill-Ambulanza' u ghall-ewwel ma riedx icempel u mbghad cempel.*' L-imputat cempel l-ambulanza. Spjegat '*Imbaghad ghedtlu 'ha ncempel lil Daddy' u qalli 'le' ghax ovja jaf x'ghamel. Imbghad qabad bott pilloli ghax qalli li jrid imut u bela hafna pilloli. Ommu nehhithomlu u nzilna isfel u giet ommu mieghi, inzilt it-tarag u dak il-hin stess ommu qaltli 'mutr irrapurtah ghax lili mhux l-ewwel darba refa' idejh fuqi u anki lit-tfajliet li kellhu ta' qabel' u dak il-hin hadt xokk ghax jiena ma kont naf b'xejn minn dan. Imbaghad nizel Eric isfel, gab sikkina ......*' Din is-sikkina gaba minn fuq '*ghax jiena kont isfel u nizel bis-sikkina u kien se jipprova jaghmilha ma' zaqqu u ommu nehhitilu u gew l-Ambulanza ghalija u giet omm Eric mieghi wkoll u haduni l-Isptar. Imbaghad cempilt lid-Daddy u gew l-Isptar ukoll.*'

Mistoqsija jekk kif tiftah il-bieb ta' barra isfel titlax fuq bit-tarag wiegbet li le, huwa flat it-tieni sular. Dahlet il-Hamis l-Isptar u harget is-Sibt filghodu. Ghamlulha punti fuq ghajnejja tal-lemin u imniehirha izda ma tafx kemm ghamlulha punti. L-indirizz tad-dar huwa 95, Marina street, Pieta, flat 3. Hija prezentat tlett (3) ritratti li

hadithom ohtha Claire Muscat li juru l-kondizzjoni taghha wara li giet medikata mit-tobba. Dawn ittiehdu ftit wara li gara l-incident l-Isptar u meta marret id-dar. Esebiet ukoll bhala dokument numry 7 il-case summary taghha tal-Isptar Mater Dei. Ikkonfermat li ghada tigi segwita. Qalet li l-Erbgha marret l-Isptar u ra t-tabib Dr Mario Vella u qalilha li kawza tal-incident hargulha kataretti fl-ghajn u r-retina mhux qieghda f'postha. Xehdet li trasferiha ghal tabib iehor u ha jaghmlilha l-operazzjoni. Kellimha u qalilha li l-probabilita' kbira li mill-ghajn ix-xellugija mhux se tara. Mistqoqsija '*Jigifieri inti bhalissa from the left eye , it's blank eye?*' wiegbet '*Iva ghax ghandi kataretta u r-Retina mhux qeghda f'postha.*' Ma tarax minnha. In-nuccali qabel l-incident kienet tuzah ghat-televizjoni, computer u issa qed thossha iktar komda tuzah ghal barra.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet it-Tabiba **Dr. Suzanne Pirotta** li qalet li b'referenza ghal dokument numru 2 ikkonfermat li nhareg minnha u ezaminat lil Veronica Muscat bin-numru tal-karta tal-identita' 406192M u kellha '*visual acuity in the right eye 6/18 c-pin hole 6/12, left eye hand movement, corneoscleral laceration left eye just above visual axis, medial sceral laceration 0.5 cm long , corneal laceration 1.75 cm long, a flat anterior chamber left eye, uveal prolopse through coneoscearl laceraton left eye, 3 laceration wounds to the skin. One fron the upper lid extending to the bridge of the note 5cm long, one over the left side of the bride of the nose 1.5 cm long and one over left upper lid medially 1.0 c.m long.*' Hija klassifikat il-feriti bhala gravi. Rat lis-Sinjura Muscat fl-Ophthalmic Casualty fejn kellha qasma f'ghajnejha li kienet testendi kemm fuq l-abjad u kif ukoll fuq il-parti trasparenti tal-ghajn, il-cornia u minhabba f'hekk l-ghajn kienet ikkollassata, kien hemm ukoll ftit mill-kontenuti tal-ghajn kienu hiergin il-barra u kellha tlett feriti fuq il-wicc ukoll. Il-kondizzjoni tal-ghajn hija l-ghajn tax-xellug. Ma tafx x'inhi l-kundizzjoni tal-ghajn tax-xellug ghax dak in-nhar ratha biss. Mistoqsija ma xiex huma kompatibbli l-feriti li kellha wiegbet '*B'xi haga li taqta', something sharp.*' Mistoqsija nadfitx il-ferita, qalet li ezaminata imma mbaghad kelha tigi operata dak inhar. Ma sabitx tracci fiha.

**Claire Muscat** xehdet fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonfermat li r-ritratti formanti parti tad-dokument numru 6 hadithom hi lil ohtha Veronica Muscat. Tghid li ghandhom iktar ritratti, ftit minnhom

hadithom fit-12, l-ghada li saret l-operazzjoni u l-ghada meta giet id-dar. B'referenza ghal Ottubru 2012. Dawn hadithom hi stess.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **PS 1268 Ivan Caruana** li qal li fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) ghal habta tat-3:30pm ircevew rapport mill-control room li ntalbet l-assistenza taghha peress li ntbaghtet ambulanza gewwa 95, Flat 3, Triq ix-Xatt, Pieta' peress li kien hemm argument familjari u kien hemm persuna femminili li wegghat u ttiehdet bl-ambulanza. Mar fuq il-post fejn kif waslu ndunaw li kien hemm xi demm quddiem il-bieb tal-flat, habbtu u fetah Eric Sciberras Balbi bin-numru tal-karta tal-identita' 198690M. Dan kien fi stat ta' paniku kbir u beda jibki u pruvaw jikkalmawh u bdew jistaqsuh x'gara. Dahlu gewwa, raw li kien hemm hafna demm mal-art u ilma u bdew jistaqsuh x'gara. Xehed '*Qalilna li kellhu xi jghid mat-tfajla u dak il-hin hi wegghet. Ahna ghednilu biex jigi maghna l-ghassa dak il-hin, hadnih l-ghassa ghax kien qieghed wahdu fuq il-post, hadnih l-ghassa ikkalmajnih, rega' qalilna x'gara u morna l-Isptar boex naraw ezatt x'gara lit-tfajla tieghu.*'

Mistoqsi mill-Qorti meta waslu fuq il-post a tempo vergine x'qalilhom li gara wiegeb '*Huwa qalilna li kellhu xi argument mat-tfajla, dak il-hin intilef u gholla saqajh, kellha tazza f'idejha u t-tazza inkissretu dahlitilha f'wiccha u kellha xi injuries f'wiccha.*' Is-Sinjorina ma kinitx fuq il-post, kien wahdu d-dar. Qal li giet ambulanza u hadita l-ambulanza u marret ommu maghha. Ikkonferma li meta haduh l-ghassa u kkalma qal l-istesss verzjoni. Ix-xhud mar l-Isptar, ma kellimhiex imma kellimha PC 309 Brian Xuereb. Hu kien kellem lit-tabiba Dr. Lorna Attard li qaltilhom li qieghda l-Ophthalmic Ward peress li kellha xi griehi f'ghajnejha. Staqsewha jekk tistax tghidilhom jekk hux fil-periklu tal-mewt qalet li grievous zgur imma ma istax tikkonfermalhom jekk hux fil-periklu tal-mewt dak il-hin. Mar lura l-ghassa u nfurma lill-Ispettur Jesmond Micallef fejn infurmah bl-arrest tieghu, tawh id-dritt tal-Avukat fejn ried ikellem lil Dr Clifton Grima li nformawh u gie fuq il-post u kellmu hemm hekk f'kamra privata ghall-ammont ta' hin. Huwa gharaf lill-imputat l-awla.

Xehed li hgieg fuq il-post ma rawx imkisser, kien hemm hafna taqlib, il-kurutur kien mimli taqlib, kien hemm affarijiet imxerdin mal-art, mhux normali li jkun hekk. Mistoqsi kif inkisret i-tazza go mohha jekk gholla saqajf wiegeb li ta daqqa ta' sieq, li

fir-rapport kiteb '*kicked his girlfriend*'. Huwa esebixxa bhala dokument numru 8, ir-rapport ta' dan il-kaz li hejja hu personalment u ffirmat minnu wkoll.

Omm l-imputat **Maria Theresa Sciberras** fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) iddeciedietx li ma tixhidx.

**Veronica Muscat** regghet xehdet fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn esebit dokument numru 9, certifikat mediku mahrug minn Mr. William Gualtieri tal-Isptar Mater Dei fejn iccertifikaa l-kondizzjoni ta' ghajneja x-xellugija li ghandha sempliciment a light perception.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) id-difiza ezentat espressament lil Qorti mis-smiegh tax-xhud PC 1510 Michael Pace xhud tal-istqarrija.

**Mr. Mario Vella** xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn qal li huwa specjalista tal-ghajnejn u kkonferma li kien ra lis-Sinjorina Veronica Muscat. Spjega li kien rahha fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena l-ohra ghal habta ta' xil-4:00pm meta gie mghajjat mit-tobba li kien hemm on call l-isptar. Allegatament kienet involuta f'argument fejn qalghet daqqa ta' xi haga tal-hgieg fuq wiccha, kellha qasma jew lacerazzjoni li kienet tibda minn naha tal-lemin taht l-eyebrow '*it goes across il-bridge tan-nose, tibqa sejra san-naha l-ohra u tinvolvi l-ghajn tax-xellug jigifieri l-ghajn tax-xellug kienet maqsuma ukoll. Meta rahha l-visjoni taghha kienet dik li nghidulha light perception, qed taghraf bejn dawl u dlam biss at the time, ma kienetx tista li taqra ittri, xejn. Ovjament spjegajtilha kont illi bhala injury kienet tidher illi hija gravi u kien hemm riskju ghal vizsta ghal-ghajn involuta. Imbghad nizzilniha dritt it-theater biex noperawha fejn for the record il-lacerazzjoni tal-ghajn tan-naha tal-lemin kienet xi 5mm fuq l-abjad tal-ghajn, ghandna 1.75mm laceration fuq il-Cornia apparti fejn hem mil-kulur trasarenti tal-ghajn. Minn go din il-ferita kien hemm dak li nghidulu il-Vitreous, il-jelly ta' wara tal-ghajn li parti minnu kien jidher hiereg barra u l-parti ta' quddiem tal-ghajn fejn kien jidher il-kulur kien jidher mimli bid-demm.*' Naddfu l-ferita, nehhew li-jelly li kien hiereg 'l barra u hitu l-qasma li kien hemm. Minhabba l-ammont ta' demm li kien wara tal-ghajna fl-ahhar tal-operazjzoni ma setawx jaraw u jitttawwlu fizikament minhabbba l-ammont ta' demm kif ukoll d-demm fuq wara tal-ghajn, gewwa tal-ghajn, gol-jelly fej nkien hemm il-laceration, kien hemm id-demm ukoll li jmpedixxi x'ha tara gewwa tal-ghajn. Tawha antibiotics drops biex jevitaw infezzjonijiet. L-

ghada fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) meta ra l-vision kienet dik li jghidulha '*hand movements*' jigifieri mhux tara d-dawl biss pero id taghrafha ticcaqla quddiem ghajnejha pero xorta ma setghux jaraw wara l-ghajn. Bhala kondizzjoni baqghet stabbli qed tfieq bhala ghajn u tant kienet tajba li fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) irrilaxxawha mill-Isptar. Rawha fis-sittax (16) bhala out patients u l-vista kienet '*counting fingers*' pero' xorta batuta hafna bhala vista. Il-pressjoni tal-ghajn baqghet tajba u kienu ghamlu ultrasound, ikkonfermaw li kien hemm id-demm fuq gewwa tal-ghajn u ghalkemm ma setghux jaraw fuq wara tal-ghajna u r-retina, in-nervatura li naraw biha kienet tidher li ghada f'postha sat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012). Imbghad rega ra, tawha a follow up appointment imma in between rega ra fil-hamsa (5) ta' Novembru fejn '*she presented a 3 day history decrease vision in that eye jigifieri l-vizsta marritilha lura f'dik l-ghajn u regghet kienet giet light perception meta rajtha dak iz-zmien.*' Meta ttawwal kienet tidher li zvilupat kataretta, li hi normali li tista' tigri wara injury lil ghajn ghax '*once li l-lenti titmiss ma tibqax trasparenti l-lenti, tittappan biz-zmien pero' fuq wara tal-ghajn stajt nara li r-Retina kienet maghluqgha, kienet fizikament tidher. Ikkonfermajna li r-Retina kienet maghluqa on ultrasound again u mbghad irreferejtha ghal Mr. Gualteri biex jipprocedi operazzjoni ohra biex jippruvaw ipoggu r-Retina f'posta.*' Baqa' jiehu hsiebha sa dak iz-zmien u jidhirlu li Mr Gualteri kien opera f'xi sitta (6) ta' Novembru. Imbghad ma regghax rahha baqghet taht l-kura tas-Sur Gualteri. Jghid li jikklasifika l-feriti bhala '*Grievous with a probably long term consequences.*'

B'referenza ghal dokument numru 7 a fol 40, 41 tal-process qal li hi discharge letter ta' wara li kien ghamel il-procedura tal-firm tieghu. Meta nadfu l-ferita bhala tracci ma sabu xejn, ikollhom joqghodu fuq li qal il-pazjent li qalet li kien hemm involut hgieg, ma jafux id-dettallji ezatt. Zgur huwa li l-qasma kienet a very sharp, '*jekk kien hgieg il-qasma ha tku iktar straight and sharp u hekk kienet il-ferita.*'

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**Ispettur Jason Sultana** li qal li b'referenza ghal dokument numru 5 li hija stqarrija rilaxxata minn Eric Sciberras Balbi fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-ufficju tal-Ispettur Jesmond Micallef. Huwa kkonferma li kien prezenti waqt l-istqarrija li ttiehdet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (201) liema stqarrija tinsab a fol 30, 31 u 32 tal-process. Huwa gharaf il-firem tal-

Ispettur Micallef, il-firma tl-akkuzat li gharaf fl-awla ukoll. Id-data kienet il-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012). Qabel l-istqarrija gew moghtija s-soltu drittijiet tieghu, l-akkuzat ghazel li jikkonsulta ma' Dottor Clifton Grima.

**PC309 Brian Xuereb** xehed fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn dwar it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) qal li kienet dahlet telefonata li kien hemm xi argument familjari go appartament x-xatt tal-Pieta'. Hu u s-Surgent 1268 marru fuq il-post fl-indirizz 95, flat 3, Tax-Xatt, Pieta' u telghu, habtu l-bieb u fetah guvnott certu Eric Sciberras li gharaf fl-awla. Raw anke t-taqtir ta' demm mal-art u staqsewh x'gara. Spjega '*Dan qabad, insomma, kellu stat ta' paniku fuqu, qabad jghidilna, "zbaljajt, zbaljajt! Arrestawni!", insomma. Eventwalment sirna nafu li dan kellu xi argument mat-tfajla tieghu, Veronica Muscat u weggaghlna wiccha. In the meantime staqsejnieh fejn kienet, qalilna li ommu haditha l-isptar ghal, ghal aktar kura.*'

Meta staqsewh qalilhom li kien taht sahna tal-mument jaf li xejjer idejh u xi haga, jaf li laqatha, u f'daqqa wahda jara d-demm. Ma qalilhomx x'kellu f'idejh, spjega li '*hu li qalilna qalilna li hi kienet bilqieghda fis-salott fuq is-sufan kellha xi kwistjoni mieghu ghax hi qaltlu fuq xoghol u mhux xoghol, mhux jahdem, u dawn l-affarijiet. Irrabja u xejjer daqqa. U jaf illi din qabdet tghajjat u laqat- intlaqtet u dawn l-affarijiet. Hu mhux cert jekk jigifieri t-tazza kinitx f'idejha, kinitx fuq il-mejda, meta bdejna nsaqsuh ma kienx cert, jekk - ghax kien hemm it-tazza mkissra, tazza li tixrob tal-hdieg daqsxejn kbira jigifieri.*' Xehed li raha fis-salott. Jghid li mbghad mar lisptar biex jitkellem maghha, mat-tfajla. Kienu ha jdahhluha biex joperawha, lehaq kellimha ftit qabel, ma tantx kellu cans u staqsiha x'gara. Hi qalet ""*kont bilqieghda fuq is-sufan," kellha xi tazza f'idejha, kienet qieghda tixrob u hekk u li qabdet kellhom din il-kwistjoni fuq ta' xxghol u mhux xoghol u ta' flus, imbaghad qalet xejjer daqqa b'saqajh u t-tazza nfaqghetilha f'wiccha. There again, anke hi stess, mhix, dak il-hin ma kinitx certa jekk it-tazza kinitx fuq il-mejda jew kinitx speci f'idejha. Lanqas, ma kinitx certa jigifieri.*' Ommu kienet hemm imma ma kinitx taf x'inhu jigri, kienet f'kamra ohra. Fil-primi noti xehed li ghandu li qaltlu "*Kont fis-salott, inqala' argument u f'daqqa wajda naf li qlajt daqqa ta' tazza ma' wicci u nkisret it-tazza.*'' Jghid li dan kien il-kliem ezatt li qaltlu. L-argument kien mal-gharus taghha.

L-omm kienet f'kamra ohra. Ma semmewx li kien hemm hadd iehor fid-dar. Wara li giet operata ma reghhax kellimha.

Xehed **Dr William Gualtieri** bil-lingwa Ingliza fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li qal li huwa *medical doctor Consultant Ophthalmologist* Mater Dei Hospital li kkonferma li ezamina lil Veronica Muscat. Qal li raha jekk mhux sejjer zball fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena l-ohra. Il-pazjenta giet riferuta ghalih minn konsulent iehor Mr Mario Vella li kien *on duty* meta l-pazjenta dahlet l-isptar. Il-kollega operaha biex isewwi l-hsara fl-ghajn ix-xellugija. Dak in-nhar ix-xhud ma kienx xoghol. Spjega li meta ra l-pazjenta '*the wound was well repaired but the eye was severely damaged. There was no doubt about it. She developed a cataract in 24 hours.*' Spjega '*Which didn't allow me to assess the retina situation, the situation at the back of the eye, the part of the eye that I am specialized for to deal with. But to the ultrasound, the ultrasound diagnostic examination showed that there was a retinal detachment. So I decided to operate the patient immediately. I removed the cataract in order to gain access to the back of the eye and I found very, very severe damage. It was giant retinal tear which is already very bad lesion when it happens spontaneously but when it happens after a trauma like this case the prognosis is even poorer*'. Spjega '*I was able not withstanding to repair the retina at the moment and to put the retina in place back to reattach the retina in other words. And I had to use the silicone oil but after a couple of weeks the retina detached again and the silicone oil went underneath it which means in other words eye lost*'. Ikkonferma li tilfet id-dawl ta' ghajnejha. B'referenza ghal fol 68, ikkonferma li huwa dokument rilaxxat minnu u li l-firma hija tieghu. Xehed li jekk jiftakar sew '*just the eyeball was hit and damaged*'. Jghid li '*it was not a closed eye trauma it was an open eye trauma which means that there was a wound in the eyeball which was repaired by my colleague in the first place*'. Ikkonferma li hija ghamja minn hawn wahda.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-konferma b'gurament tac-certifikat mediku esebit a fol 27 mahrug minn Dr Lorna Attard.

Stante bdil fil-Magistrat li ppreseda l-Ewwel Qorti, il-partijiet fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena efejn u erbatax (2014) ezentaw lil Qorti mis-smiegh mill-gdid tal-provi prodotti quddiemha kif diversament preseduta.

Fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed l-**imputat Eric Sciberras Balbi** li qal li jaf lil Veronica Muscat. Xehed li kienu ltaqgħu go club gewwa Paceville u minn hemmhekk kienu tkellmu u hadu n-numru u kienu ltaqgħu u baqgħu jiltaqgħu. Kellhom relazzjoni għal sena u tlett (3) xhur. Fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) kien gie minn interview u dakinhar li marret id-dar kienet qiegħda titkellem ma ommu fil-kamra tas-salott, dahal hu u inqala argument fuq xogħol u mhux xogħol u kienu ilhom għaddejin b'dan l-argument jigifieri bhal timponi fuq l-affarijiet tiegħu personali. Għaddew qisu xi għoxrin (20) minuta, nofs siegħa f'dak l-ilma ma jafx ezatt u hi kienet qiegħda tixrob, għamel moviment u b'sieq√ laqatha, ma jafx kif grat u wara ftit sekondi ra lil wiċċha bid-demm maqsum. Hu ippanikja, mar fil-kamra ta' ommu għax kienet qiegħda tara t-television u kienet qiegħda tistrieh u '*għedtilha ara x'gara x'gara u kont ippanikjat hafna. Tajtha xugaman jiena biex timsah wiċċi u bil-panic ridt inċempel l-ambulanza imma imbgħad lahqet qabdet il-mobile u ċemplet hi.*' Spjega li kellhom argument tas-soltu fuq xogħlijiet u fuq il-hajja personali tiegħu. Kien argument bid-diskors. Jgħid li '*Dak il-hin għamilna xi few minutes ma tkellimniex wara l-argument, għamilt moviment biex nersaq minn naha l-ohra, hi kienet baxxuta bit-tazza f'idha biex taqbadha u jien kelli sieqi fuq il-mejda dakinhar...*' Kompla jispjega '*ahna konna qiegħdin bilqiegħda fis-salott, hi kienet on the left u jiena kont man-naha tar-right jigifieri jiena kont qiegħed naqra fiċ-ċentru, mort nersaq biex immur in-naha l-ohra u kif kienet baxxuta biex taqbad it-tazza f'idha ilqatta' b'saqajja. U f'salt minnhom qed nismaħha tgħajjat u wiċċha maqsum u imbgħad minn hemmhekk kont vera ippanikjat jiena, gejt f'dak l-istat jiena.*' Jgħid li '*Jiena ma' kelli l-ebda intenzjoni li inweggaha, li kieku verament kelli l-intenzjoni li nweggaha jew vera kienet xi haga ippjanata zgur ma kontx ha nagħmilha fid-dar t'ommi din il-biċċa xogħol. It was an accident, jiena ma kelliex intenzjoni li nweggaha u l-argumenti li kien ikollna li gara ftit qabel kienu jkunu ta' spissi.*' Jgħid li qatt ma hedditha, ma kellux intenzjoni li jheddidha jew iweggaha. Mistoqsi x'intenzjoni kellu meta għolla saqajh, wiegeb li ma kellu l-ebda intenzjoni li jagħmlilha l-hsara lilha personalment. Qatt ma heddidha u qatt ma ried jagħmlilha l-hsara.

In kontro-ezami jgħid li kienu bilqiegħda fuq is-sufan fil-kamra tas-salott. Il-mejda hi coffee table viċin tas-sufan. Il-mejda kienet vera viċin hafna, jekk kien hemm 'ten inches'. Il-mejda kienet baxxa. Spjega '*L-incident kien gara li wara li argumentajna għaddew few minutes ma tkellimna xejn, jiena mort biex nagħmel moviment u sadanitant*

*ridt nersaq lejn in-naha tar-right peress li kienet qieghda on the left. Hi qabdet it-tazza u kif hi kienet ser tghollija biex tixrob ilqatta' b'saqajja, kif kont ser naghmel moviment man-naha tar-right. U minn dak il-hin ' l hawn jiena stess lanqas naf x'gara ghax kienu ghaddew few seconds, qed nismaha tghajjat u wiccha kollu demm u jiena gejt fi stat panikjat hafna.'* Kienu bilqieghda hdejn xulxin, huwa three (3) seater. Huwa ried jersaq in-naha l-ohra '*pero' ghamiltha b'mod fast jigifieri, mhux ersaqt bil-mod.*' Ried jersaq fuq in-naha tal-lemin biex ikun 'l boghod minnha. Jghid li halla saqajh fuq il-mejda u ma qatahomx mill-art, minn fuq il-mejda. Jghid li dak il-hin ghadda saqajh minn fuq il-mejda u ma tax kaz, xehed li l-intenzjoni hekk ried iweggaha zgur ma kienx ha jweggaha go daru ghax dan ftit qabel kellhom l-argument u l-argument kienu ilhom sejrin minn erba' (4) xhur wara li bdew johorgu flimkien. Veronica dak il-hin marret bex taqbad it-tazza biex tixrob. Qabdet it-tazza u marret biex tixrob u ikkonferma li dak il-hin ghamel dak il-moviment fejn kellu jgholli saqajh u b'kumbinazzjoni laqatha. Ma kellux intenzjoni li jaghmlilha l-hsara. Jinsisti li kieku ried jaghmlilha l-hsara zgur ma kienx ha jaghmilha fid-dar ta' ommu, fejn joqghodu huma f'appartament, hemm il-girien. Ghoxrin (20) minuta qabel kellhom argument. Hi stess cemplet ghall-ambulanza, qabdet il-mobile u sabet l-ewwel numru tal-amubulanza. Jghid li ommu kienet qieghda tistrieh fuq is-sodda ghax kienet ghajjiena peress li dak iz-zmien kellu n-nanna l-isptar, kienet qieghda tmut u kellha bzonn tmur tistrieh u qaltilhom biex iqajmuha biex taghmlilhom likel f'xi hin u wara li gara mar fil-kamra ta' ommu '*u ghedtilna x'kien x'gara x'gara bil-paniku li kelli, hi ippanikjat ukoll u sadanitant lilha ilhaqt tajtha xugaman u minn dak il-hin ridt nara kif ha ncempel l-ambulanza pero' lahqet kif ghedtlet qabdet il-mobile hi. U imbghad jiena ommi marret maghha l-ipstar jigifieri kienet qed tiehu hsiebu u imbghad minn dakinhar 'l hawn ma nafx x'gara'.*

Mistoqsi dwar li lil Pulizija kitbu li "*he stated that he kicked his girlfriend in the face and smashed a glass that she was drinking from in her face.*", ikkonferma d-diskors li laqaghata b'saqajh, dak il-hin hargitlu hekk, kien mitluf, kien ippanikjat, ma bedax jirraguna. Jghid li tolqotha fuq mejda ukoll '*kicked*' tigi ghax b'saqajh laqatha. Jghid li ma riedx jolqotha. In ri-ezami jghid li lil Pulizija bil-Malti kellimhom.

**Marie Theresa Sciberras Balbi** xehdet fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dwar il-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax

(2012) qalet li kienet id-dar, huma kienu fis-salott u hi kienet fil-kamra tas-sodda ghax kienet naqra ma tiflahx. Qalet '*Eric gie, gie jqajjmni ghax marret ghajni bijja jigifieri u qalli kien inqala xi haga imsomma dak il-hin, kien panikuz hafna u daqshekk ma nafx x'gara ezatt.*' Kull ma rat xugaman ma wicc Veronica Muscat u marret l-isptar maghha bl-ambulanza. Eric kien dak il-hin panikuz hafna, inkwetat hafna ukoll, kien hazin, kien qed jibki.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-parti leza Veronica Muscat u l-imputat kienu f'relazzjoni;

2. Ili fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), Veronica Muscat kienet marret fir-residenza tal-imputat li jirrisjedi ma ommu;

3. Illi waqt li omm l-imputat kienet fil-kamra tas-sodda, l-imputat u l-parti leza kienu fuq is-sufan fis-salott fejn kellhom argument dwar l-impjieg jew in-nuqqas ta' impjieg tal-imputat;

3. Kif sejra tikkunsidra din il-Qorti, ma jirrizultax li hemm qbil dwar kif sehh l-incident, izda jirrizulta li in segwitu ta' argument verbali bejn l-appellant u l-parti leza, giet mifquha tazza f'wicc il-parti leza;

4. Illi mill-provi jirrizulta li rizultat ta' dan, il-parti leza sofriet griehi serji fosthom li tilfet id-dawl minn ghajn wahda;

5. Illi inhargu l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta’ Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[1]

*‘Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

*minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [3]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" u ohrajn .)*' (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna)

Ikkunsidrat ukoll:

'*Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[6] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).' (Emfazi mizjuda)

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[5] Decizmill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[6] [1969] 1 QB 276

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi</u>'**[7] ikkunsidrat ukoll li:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**"[8], inghad illi :-*
*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".*

Illi fl-appell odjern, skont l-appellant il-Qorti kienet rrifaccjata b'nuqqas ta' provi mill-prosekuzzjoni biex tissostanzja l-verzjoni taghha u li l-Ewwel Qorti pruvat tuza l-logika izda fil-fatt li ghamlet ghamlitha ta' investigatur meta r-rwol taghha mhix li timla l-vojt tal-prosekuzzjoni, izda tara jekk il-provi li tresqu jwasluha ghal konviciment l'hinn minn kull dubju ragonevoli. B'hekk skont l-appellant, l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kienet *unsafe and unsatisfactory* b'mod oggettiv. Illi l-appellant jissottometta li l-Qorti strahet principalment fuq il-verzjonijiet tal-parte civile u l-appellant. Jisottometti li anke x-xhieda tal-pulizija u omm l-appellant jistghu jaghtu hjiel ta' dak li fil-fatt gara. Jissottometti li l-verzjonijiet tad-dinamika tal-incident huwa ferm differenti. Skond l-parte civile, l-appellant qabad it-tazza u kissirha ma wiccha. L-appellant fl-appell tieghu jinnega dan u jghid li kien ghamel kienet manuvra fuq is-sufan meta kienu hdejn xulxin biex jiccaqlaq u meta l-parte civile nizlet biex taqbad tazza bl-ilma hu caqlaq saqqajh u laqghatha b'impatt b'sahtu li kisser it-tazza f'wiccha. Jissottometti li ghalkemm ihossu fattwalment u moralment responsabbli ghal dak li gara, izda l-Qorti trid tara limitatament jekk l-appellant kien kriminalment responsabbli. Jissottometti li r-reazzjoni ma kinitx wahda li tistenna minn aggressur jew bniedem vjolenti izda ta' persuna li ma emminx dak li kien ghadu kemm gara. Jaghmel referenza ghal fatt li l-Ewwel Qorti stess qalet li ma kienx hemm kliem ta' theddid u gie liberat mill-akkuza ta' theddid u biza ta' persuna

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

li intenzjonalment ghamlet ferita ta' natura gravi. L-appellant jaghmel referenza ghal verzjoni tal-appellant li l-Ewwel Qorti qiesitha bhala '*inverosimili ghall-ahhar u ma taghmel l-ebda sens.*' Jaghmel numru ta' sottomissjonijiet, fosthom li l-parte civile qatt ma qalet fix-xhieda taghha li l-appellant hataf it-tazza minn idejha biex jkissirha ma wiccha u lanqas ma qalet li l-appellant kellu tazza f'idejh jew min fejn gab it-tazza. Ma spjegatx minn fejn giet it-tazza li kellu f'idejh l-appellant izda sempliciment li faqqa tazza go wiccha.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal verzjonijiet moghtija mill-partijiet quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll dawk moghtija mill-partijiet lil Pulizija kif rapportati mill-Pulizija. Fir-rapport tal-Pulizija immarkat bhala Dok I a fol 23 et sequitur, dwar il-verzjoni moghtija mill-appellant tnizzel li '*He stated that he kicked his girlfried in the face and smashed a glass that she was drinking from in her face.*' Fl-istess rapport hemm miktub '*The Div. Police spoke with Veronica Muscat at Mater Dei Hospital where she stated that all she remembers is that she was sitting on the sofa in the living room and she had a verbal fight with Eric and was hit in the face by a glass. When asked if she remembers if she had the glass in her hand or not she confirmed that she is not sure...*' Fin-nota ta' arrest li tidher a fol 29 u mmarkata bhala Dok 4 fost fatti ohra tnizzel '*Is-Sur Sciberras Balbi stqarr mal-Pulizija li ftit mumenti qabel, hu kien ta daqqa ta' sieq f'wicc it-tfajla tieghu li nzertat kienet qed tixrob minn tazza bil-konsegwenza li kisser l-istess tazza f'wicc it-tfajla tieghu w ikkagunalha xi feriti.*' Fl-istess nota, dwar il-verzjoni moghtija minn Veronica Muscat tnizzel li '*din stqarret lli kellha argument verbali ma' l-gharus taghha Eric u f'hin minnhom, waqt li kienet qed tixrob minn gewwa tazza, dan xejrilha daqqa ta' sieq f'wiccha w kisser din it-tazza f'wiccha.*'

Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat a fol 30 u mmarkat bhala Dok 5 datata t-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-appellant kien spjega li '*Jiena w Veronica konna qieghdin fuq is-sufan u jiena ersaqt minn hdejha. Dak il-hin stess anqas naf jigifieri kif ghollejt saqajja u f' daqqa waha meta grali hekk jiena bdejt nara hafna demm. Anqas biss kont naf minn fejn kien gej dan id-demm, la naf jekk hux minn idejha jew wiccha. Setgha kien izda ma tajtx kaz. Bdejt nara biss demm. Jiena ippanikjajt u dak il-hin hadtha fit-toilet u minn dak il-hin stess ftahtilha l-ilma biex tnehhi d-demm. Hi qabdet il-mobile biex iccempel l-ambulanza pero' dak il-hin stess jiena ma kontx naf jekk kienitx qabdet bil-mod kif kienet.*

*Jiena kont se ncempel minn fuq it-telephone tad-dar izda jiena ndunajt li kienet qed icempel lil ambulanza u jiena stess kellimthom u tajthom l-indirizz tad-dar. Umbaghad ommi nizlet maghha biex tmur fl-ambulanza maghha lejn l-isptar. Wara xi kwarta gew il-pulizija u mort l-Ghassa tal-pulizija ta' l-iMsida maghhom.*' Mistoqsi dwar qtugh ma jdejh wiegeb '*Nehhejt il-hgieg tat-tazza mkissra imma nahseb li kont ippanikjat w ghafasthom xi ftit zejjed u qtajt idi.*' Dwar kif sehh l-incident, spjega ukoll li kien se jibqa fuq is-sufan izda kien ser jersaq lejn il-lemin, jikkonferma li l'boghod minn Veronica. Jghid li ntefa la gemba. Ma tax kaz jekk saqajh gholewx ma wicc il-parti leza. Jghid li meta resaq fuq is-sufan, ra cappa demm izda ma jafx fejn kienu l-feriti. Mistoqsi Veronica ghamlitlux xi haga wiegeb li argumentaw. Mistoqsi '*Setghet Veronica qabdet it-tazza ghalik u inti xejjirtilha daqqa ta' sieq fid-direzzjoni ta' wiccha?*' wiegeb '*Le. Anqas naf li lqattha sa dak il-hin, sakemm umbaghad rajt id-demm jispara.*' Qal li qalilha li jiddispjacih izda mhux ghax ried. Li gara minghajr intenzjoni, mhux ghax ried jaghmlilha hekk. Jghid li lanqas jaf kif gholla saqajh izda ra ghadira demm li ma jafx minn fejn hareg essagg. Jghid li dak il-hin ma rrealizzax li kellha t-tazza izda jaf li kienet qed tixrob il-Coca jew Diet Coke li taghtha ommu.

Meta Veronica Muscat fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet quddiem l-Ewwel Qorti diversament preseduta minn dik li ddecidiet is-sentenza appellata spjegat li '*Bdejt nghidlu x'qalulu u hekk u fis-sena u tlett xhur illi ghamilt mieghu, iktar ma hadimx milli hadem. Bdejt nghidlu issa jekk jaghzluk, ghamel hiltek ha tibqa hemm hekk. Huwa dejjem sostna illi jrid futur mieghi u kont nghidlu illi barra x-xoghol li ghandek, trid taghmel part-time. Huwa dejjem kien jirrabja meta nghidlu hekk u speci qabad it-tazza li kont qed nixrob minnha jiena, immarkahhili ma' wicci.*' Qalet li t-tazza kienet fuq il-mejda '*quddiemna ghax huwa kien fuq iks-sufan. Imbghad ghedtlu illi jekk se tibqa b'din l-attitudni ma nistghax nibqa mieghek ghax ma nistghax nibni futur ma' xi hadd ma jahdimx. Qabad it-tazza u mmakkhili ghal go wicci, taghni daqqa bit-tazza.*' Mistqosija mill-Qorti '*Mhux tefghalek it-tazza?*' wiegbet '*Le ghamel hekk mhux waddabieli.*' Mistoqsija '*Faqahhilek ma' wiccek?*' wiegbet iva. Mistoqsija '*Jigifieri it-tazza meta huwa qedghilek ma' wiccek, it-tazza inkissret?*' wiegbet '*Ma nafx ghax dak il-hin lanqas l-ugiegh ma bdejt inhoss bid-daqqa illi kellhi u kont liebsa qalziet car u intlili kollu demm u mort nigri fil-kamra tal-banju u rajt ghajnejja u imniehri kollu miftuh u kollu demm. Imbaghad dak il-hin Eric hareg fil-kurutur u ghajjat lil ommu ghax kienet fil-kamra tas-sodda u dik qaltlu 'x'ghamiltilha kemm int kattiv'...*''

Minn naha l-ohra meta xehed l-imputat quddiem l-Ewwel Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega '*dakinhar niftakar kont gejt minn interview u dakinhar li mort id-dar kienet qieghda titkellem m'ommi fil-kamra tas-salott, sadanitant dhalt jiena u inqala argument fuq xoghol u mhux xoghol u konna ilna ghaddejjien b'dan l-argument jigifieri bhal timponi fuq l-affarijiet tieghi personali jigifieri. Ghaddew qisu xi ghoxrin minuta, nofs siegha f'dak l-ilma ma nafx ezatt u hi kienet qieghda tixrob, jiena ghamilt moviment u b'sieqi ilqatta', ma nafx kif grat u wara xi few seconds qed nara lil wiccha bid-demm maqsum...*' Dwar il-moviment li ghamel rega spjega '*Dak il-hin ghamilna xi few minutes ma tkellimniex wara l-argument, ghamilt moviment biex nersaq minn naha l-ohra, hi kienet baxxuta bit-tazza f'idha biex taqbadha u jiena kelli sieqi fuq il-mejda dakinhar...*' Spjega '*ahna konna qieghdin bilqieghda fis-salott, hi kienet on the left u jiena kont man-naha tar-right jigifieri jiena kont qieghed naqra fic-centru, mort nersaq biex immur in-naha l-ohra u kif kienet baxxuta biex taqbad it-tazza f'idha ilqatta' b'saqajja. U f'salt minnhom qed nismaha tghajjat u wiccha maqsum u imbghad minn hemmhekk kont vera ippanikjat jiena, gejt f'dak l-istat jiena.*' Jghid li ma kellu l-ebda intenzjoni li iweggaha u li kien accident. In kontro-ezami spjega li '*L-incident kien gara li wara li argumentajna ghaddew few minutes ma tkellimna xejn, jiena mort biex naghmel moviment u sadanitant ridt nersaq lejn in-naha tar-right peress li kienet qieghda on the left. Hi qabdet it-tazza u kif hi kienet ser tghollija biex tixrob ilqatta' b'saqajja, kif kont ser naghmel moviment man-naha tar-right. U minn dak il-hin ' l hawn jiena stess lanqas naf x'gara ghax kienu ghaddew few seconds, qed nismaha tghajjat u wiccha kollu demm, u jiena gejt fi stat panikjat hafna.*' Spjega li l-moviment li ried jaghmel '*jiena ridt nersaq naha ohra, pero' ghamiltha b'mod fast jigifieri, mhux ersaqt bil-mod.*' Jghid li halla saqajh fuq il-mejda u ma qatahomx minn fuq il-mejda. Jghid '*jiena dak il-hin ghaddejt sieqi minn fuq il-mejda u lanqas tajt kaz, pero' l-intenzjoni hekk ridt inweggaha zgur ma kontx ha nweggaha go dari ghax dan ftit qabel kelna l-argument u dawn l-argumenti kienu ilhom sejrin tista' tghid minn erba' xhur wara li bdejna nohorgu flimkien.*' Spjega li l-parti leza marret biex taqbad it-tazza u kkonferma li b'kumbinazzjoni dak il-hin ghamel dak il-moviment fejn kellu jgholli saqajh. Ikkonferma d-diskors li qal lil Pulizija li '*he kicked his girlfriend in the face and smashed a glass that she was drinking from in her face.*' li laqatha b'saqajh u jghid ghax '*dak il-hin iva hargitli hekk, imma dak il-hin vera kont mitluf. Kont jigifieri ippanikjat.*

*Lanqas bdejt nirraguna biss'* izda spjega li tolqotha fuq mejda ukoll '*kicked*' ghax b'saqajh laqatha. In ri-ezami ikkonferma li kellem lil Pulizija bil-Malti mhux bl-Ingliz.

L-Ispettur Jesmond Micallef fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) ghalkemm din il-Qorti fehmet li ma kienx l-Ispettur li mar fuq il-post ikellem l-appellant u lanqas ma mar l-isptar Mater Dei biex ikellem lil parti leza, spjega li '*Il-pulizija habtu fuq dan il-bieb u fethilhom is-Sur Eric Sciberras Balbi, detentur tal-karta tal-identita'* *bin-numru 198690m fejn waqt illi fethilhom, is-Sur Balbi kien qieghed jibki. Huwa dak il-hin stqarr illi kien ghadu kif kellhu argument mat-tfajla illi wara giet identifikata bhala Veronica Muscat u fl-istess argument kien kissrilha tazza fuq wiccha....'* Spjega li '*Il-pulziija waqt illi kienu fil-fond innutaw illi kien hemm diversi ticpiss ta' lewn hamrani probabbilment demm u nnutaw ukoll illi kien hemm tazza imkissra illi kienet tinsab fejn s-sufan tal-living room.*' L-Ispettur kien izda kellem lill-appellant li rrilaxxa stqarija fejn qal li '*bdew jargumentaw fuq affarijiet ta' bejniethom, rigward xi xoghol u hekk, u f'hin minnhom huwa laqat b'saqghajh lit-tfajla tieghu Veronica Muscat li nzertat li dak il-hin kienet qed tixrob u kagun t'hekk it-tazza inkisritilha f'wiccha u huwa stess kien cempel ghall-Ambulanza u rrilaxxa stqarrija illi ghazel ukoll illi jiffirma.*'

PS 1268 Ivan Caruana li xehed fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Fil-11 ta' Ottubru, 2012 ghal habta tat-3.30 p.m. ircevejna rapport mill-control room li ntalbet l-assistenza taghna peress li ntbaghtet Ambulanza gewwa 95, Flat, 3, Triq ix-Xatt, Pieta' peress illi kien hemm argument familjari u kien hemm persuna femminili li wegghet u ttiehdet bl-Ambulanza. Jiena mort fuq il-post fejn ikif wasalna indunajna li kien hemm xi demm quddiem il-bieb tal-flat, habbatna u fethilna Eric Sciberras Balbi, id card number 198690(m). Dan kien fi stat ta' paniku kbir u beda jibki u pruvajna nikkalmawh u bdejna nistawsuh x'gara. Thalna gewwa, rajna li kien hemm hafna demm mal-art u ilma u bdejna nistawsuh 'x'gara?'. Qalilna li kellhu xi jghid mat-tfajla u dak il-hin hi wegghet. Ahna ghednilu biex jigi maghna l-ghassa dak il-hin, hadnih l-ghassa ghax kien qieghed wahdu fuq il-post, hadnih l-ghassa ikkalmajnih, rega' qalilna daqsxejn x'gara u morna l-iSptar boex naraw ezatt x'gara lit-tfajla tieghu*' Mistoqsi l-appellant x'kien qalilhom a tempo vergine meta waslu fuq il-post qal '*Huwa qalilna li kellhu xi argument mat-tfajla, dak il-hin intilef u gholla saqajh, kellha tazza f'idejha u t-tazza inkissret u dahlitilha f'wiccha u kellha xi injuries f'wiccha.*' Xehed li meta haduh l-ghassa u kkalma, il-verzjoni baqghet l-istess. Hgieg ma rax imkisser izda ra hafna taqlib.

PC309 Brian Xuereb li xehed fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li meta marru fuq il-post '*Rajna anke xi taqtir ta' demm mal-art u staqsejnieh x'gara. Dan qabad, insomma, kellu stat ta' paniku fuqu, qabad jghidilna, "zbaljajt, zbaljajt! Arrestawni!", insomma. Eventwalment sirna nafu li dan kellu xi argument mat-tfajla tieghu, Veronica Muscat, u weggaghlna wiccha.*' Spjega '*Meta staqsejnieh hu qalilna li kien taht sahna tal-mument jaf li xejjer idejh u xi haga, jaf li laqatha, u f'daqqa wahda jara d-demm.*' Mistoqsi x'kellu f'idejh, jekk qalilhomx wiegeb '*Le, ma qalilniex as such; hu li qalilna qalilna li hi kienet bilqieghda fis-salott fuq is-sufan kellha xi kwistjoni mieghu ghax hi qaltlu fuq xoghol u mhux xoghol, mhux jahdem, u dawn l-affarijiet. Irrabja u xejjer daqqa. U jaf illi din qabdet tghajjat u laqat- intlaqtet u dawn l-affarijiet. Hu mhux cert jekk jigifieri t-tazza kinitx f'idejha, kinitx fuq il-mejda, meta bdejna nsaqsuh ma kienx cert, jekk - ghax kien hemm it-tazza mkissra, tazza li tixrob tal-hgieg daqsxejn kbira jigifieri.*' Il-parti leza l-Isptar qaltlu '"*kont bilqieghda fuq is-sufan;" kellha xi tazza f'idejha, kienet qieghda tixrob u hekk u li qabdet kellhom din il-kwistjoni fuq ta' xoghol u mhux xoghol u ta' flus, imbaghad qalet xejjer daqqa b'saqajh u t-tazza nfaqghetilha f'wiccha. There again, anke hi stess, mhix, dak il-hin ma kinitx certa jekk it-tazza kinitx fuq il-mejda jew kinitx speci f'idejha. Lanqas, ma kinitx certa jigifieri. Imbaghad staqsejtha fuq ommu, peress li kienet hemm; qaltli, "Kienet hemm imma ma kinitx qed tara x'inhu jigri," ghax kienet go xi kamra ohra.*' Xehed li fil-primi noti nizzel '"*Kont fis-salott, inqala' argument u f'daqqa wahda naf li qlajt daqqa ta' tazza ma' wicci u nkisret it-tazza.*"'

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li hemm element importanti li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx u din hi l-parte civile qatt ma qalet fix-xhieda taghha li l-appellant hataf it-tazza minn idejha biex jkissiriha f'wiccha. Lanqas ma qalet li l-appellant kellu tazza f'idejh jew min fejn gab it-tazza. B'hekk il-parte civile ma spjegatx minn fejn giet it-tazza li kellu f'idejh l-appellant, izda sempliciment li faqqa tazza go wiccha. Din il-Qorti tibda' billi tissottolinea li kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fl-appell tieghu, Veronica Muscat fix-xhieda taghha qalet li t-tazza kienet fuq il-mejda '*quddiemna ghax huwa kien fuq is-sufan. Imbghad ghedtlu illi jekk se tibqa b'din l-attitudni ma nistghax nibqa' mieghek ghax ma nistghax nibni futur ma' xi hadd ma jahdimx. Qabad it-tazza u mmakkhili ghal go wicci, taghni daqqa bit-tazza.*' Ghalhekk skont il-verzjoni tal-parti leza, it-tazza kienet fuq il-mejda u l-appellant ha t-tazza minn fuq il-mejda u waqaha go wiccha.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat:

*'Illi kif diga ntqal m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li sehh incident u li f'dan l-incident Veronica Muscat tilfet id-dawl f'ghajnejha x-xellugija u li dan il-fatt jikkostitwixxi diffett permanenti deskritt f'l-artikolu 218 fuq imsemmi. Lanqas m'hemm dubbju li Veronica Musact soffriet dawn il-griehi bhala rizultat ta'l- impatt tat-tazza ma' wiccha. Il-kwistjoni li trid jigi rizolta hija jekk dik it-tazza nfaqghat ma' wicc Muscat bhala rizultat ta' azzjoni voluta mill-imputat kif qed issostni l-prosekuzzjoni jew minhabba xi kaz fortuwitu kif qed isostni l-imputat.*

*Illi biex tigi rizolta din il-kwistjoni l-Qorti tista' tistrih biss fuq dak li jghidu l- parte leza u l-imputat ghaliex m'hemmx xhieda okkulari ohra; il-verzjonijiet taghhom huma sintetizzati aktar 'l fuq.*

*Illi l-verzjoni mghotija mill-parte leza hija pjuttost konciza u fattwali; hi tghid li kienu qeghdin fuq is-sufan jargumentaw meta qabad t-tazza u faqaghha ma' wiccha.*

*Illi l-imputat min-naha l-ohra jghid li kienu qeghdin bil-qeghda fuq is-sufan, hu kellu saqajh fuq it-tavolina, meta, propju fil-waqt li Muscat kienet baxxuta ser taqbad it-tazza, iddecieda li jersaq 'l hemm minnha billi jersaq ghan-naha tal- lemin tas-sufan (Muscat kienet bil-qeghda man-naha tax-xellug tieghu). Muscat ikompli jispjega li hu saqajh ma qallahomx minn fuq it-tavolina pero b'xi mod (u minkejja li ma qallahomx minn fuq it-tavolina) b'saqajh laqghat it-tazza li spiccat infaqghet ma' wicc Muscat.*

*Illi din il-verzjoni hija inverosimili ghall-ahhar u ma taghmel l-ebda sens. Jekk l- imputat ried jersaq lejn il-lemin difficilment wiehed jista jaccetta li biex jersaq ftit fuq is-sufan min-nofs ghan-naha tal-lemin hu laqat (b'saqajh li qatt ma nqalghu minn fuq it-tavolina) lil Muscat bit-tazza f'idejha meta hi kienet man- naha tax-xellug tieghu. Naturalment wiehed ma jridx jinsa li l-aghar griehi Musact soffriethom man-naha tax-xellug ta' wiccha cioe mhux man-naha li kienet vicin ta'l-imputat imma n-naha l-ohra.*

*Illi fattur iehor li ghandu jassumi certa relevanza huwa n-natura tal-griehi li soffriet Muscat. Kieku l-incident verament sehh kif spjega l-imputat huwa probabli li t-tazza ma kenitx tinkiser, pero anke kieku kellha tinkiser zgur li ma kenitx tikkawza l-griehi li fil-fatt soffriet Muscat. Dawk il-griehi bil-fors sehhew minhabba impatt qawwi.*

*Illi fil-fatt l-Qorti hija konvinta li, kif qalet il-parte leza, it-tazza l-imputat qabadha b'idejh u*

*faqaghha ma' wicc Muscat b'impatt tant qawwi li anke hu soffra griehi: dak il-qtugh li nnota l-ufficjal prosekutur*[9] *u li hemm referenza ghalihom f'l-istqarrija ta'l-imputat.*

*Illi tenut kont ta' dan l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.'*

Din il-Qorti fliet l-atti processwali, kemm ix-xhieda moghtija mill-parti leza u l-appellant kif ukoll verzjonijiet li dwarhom xehdu l-Pulizija. Jirrizulta kjarament li hemm nuqqas ta' kjarezza ta' kif sehh l-accident, ossia fejn il-parti leza meta xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati skjettament qalet li l-appellant qabad tazza u '*mmakkhili ghal go wicci, taghni daqqa bit-tazza*' u rrispondiet li t-tazza kienet fuq il-mejda quddiemhom, u minn naha l-ohra l-appellant jaghti x'jifhem li ghamel manuvra biex jersaq mic-centru tas-sufan ghan-naha l-ohra l' boghod mill-parti leza u waqt li l-parti leza kienet ser tixrob laqghat it-tazza b'saqajh bir-rizultat li t-tazza infaqghet f'wicc il-parti leza. Jirrizulta li anke fil-verzjonijiet moghtija lil Pulizija, f'xi waqtiet jissemmew li l-appellant xejjer daqqa ta' sieq u f'waqt iehor PC 309 Brian Xuereb jghid li l-appellat qallu '*ili kien taht sahna tal-mument jaf li xejjer idejh u xi haga, jaf li laqatha, u f'daqqa wahda jara d-demm*'. In oltre, dwar dak li qalet il-parti leza kif imnizzel fir-rapport tal-Pulizija, hemm imnizzel li '*had a verbal fight with Eric and was hit in the face by a glass. When asked if she remembers if she had the glass in her hand or not she confirmed that she is not sure.*' PS 309 Brian Xuereb dwar dak li qaltlu l-parti leza l-isptar xehed '"*kont bilqieghda fuq is-sufan;" kellha xi tazza f'idejha, kienet qieghda tixrob u hekk u li qabdet kellhom din il-kwistjoni fuq ta' xoghol u mhux xoghol u ta' flus, imbaghad qalet xejjer daqqa b'saqajh u t-tazza nfaqghetilha f'wiccha. There again, anke hi stess, mhix, dak il-hin ma kinitx certa jekk it-tazza kinitx fuq il-mejda jew kinitx speci f'idejha. Lanqas ma kinitx certa jigifieri.*' Ghalhekk skont ma jirrizulta mix-xhieda ta' dan l-ufficjal tal-Pulizija, meta l-parte civile giet mitkellma l-isptar semmiet li kien xejrilha daqqa b'saqajh izda ma kinitx certa jekk it-tazza kinitx fuq il-mejda jew kinitx speci f'idejha kuntrarjament ghal dak li xehdet fejn qalet li l-appellant qabad it-tazza li kienet fuq il-mejda u mmarkahilha ma' wiccha. Meta omm l-imputat Marie Theresa Sciberras xehdet fis-seduts fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija ma xehditx dwar id-dinamika tal-incident peress li hija kienet fil-kamra tas-sodda u

[9] L-iputat mhux qed jinnega li dak il-qtugh soffrieh dak in-nhar ta' l-incident. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza appellata)

allura mhux prezenti izda xehdet dwar l-istat panikuz li kien fiha binha l-imputat.

Din il-Qorti meta tikkunsidra l-griehi li sofriet l-parte leza issiba difficli temmen il-verzjoni li t-tazza intlaqtet b'saqghajn l-imputat. Minkejja dan, jekk din il-Qorti kellha tiskarta ghal kollox il-verzjoni moghtija mill-parti leza quddiem l-Ewwel Qorti ossia li l-appellant qabad it-tazza u mmarkahilha ma' wiccha u kellha temmen u tqis il-verzjoni tal-imputat ossia li ghamel manuvra ossia ccaqlaq b'mod goff u laqghet it-tazza b'saqghajh waqt li l-parti leza kienet ser tixrob, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' temmen li dak li sehh kien kumbinazzjoni ossia casus jigifieri mhux intenzjonat. Dak li jirrizulta kjarament u mhux ikkontestat huwa l-fatt li dak li sehh sehh waqt jew wara argument bejn il-parte leza u l-appellant, tant li anke skont ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija tnizzel li '*The Div. police were informed by control room that there was an argument...*' filwaqt li kemm l-appellant u anke l-parti leza jikkonfermaw li kien hemm argument bejniethom. Anke jekk l-appellant jipprova jaghti x'jifhem fix-xhieda tieghu li kienu ghaddew ghoxrin (20) minuta, nofs siegha wara l-argument, din il-Qorti hija konvinta li kien dan l-argument li wassal lill-appellant jagixxi b'tali mod b'intenzjoni li jwegga l-parti leza.

Ghalhekk, minkejja li din il-Qorti tirrikonoxxi li hemm konflitt dwar kif ezattament sehh l-incident ossia jekk l-appellant qabadx it-tazza f'idu jew jekk waqt li l-parti leza tbaxxiet biex tixrob, l-appellant b'saqghajh faqa t-tazza ghal go wicc il-parti leza, jirrizulta kjarament li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil parti leza u li dan ikkawza griehi ta' natura gravi, ossia griehi permanenti tant li l-parti leza tilfet id-dawl ta' ghajn minnhom. Din il-Qorti bl-ebda mod ma tikkondividi il-verzjoni li l-appellant prova jaghti ossia li dak li sehh sehh b'incident mhux intenzjonat ossia li laqat lill-parte civile bi zball. L-argument tal-appellant li hu u l-parte civile kellhom argumenti simili u li l-appellant qatt ma kellu reazzjoni vjolenti ma jfisser xejn. L-istess jinghad dwar ir-reazzjoni ta' paniku li kellu l-appellant wara li sehh l-incident, liema reazzjoni bl-ebda mod ma tfisser li dak li sehh kien involontarju. Din il-Qorti hija konvinta li dak li sehh sehh rizultat tal-argument u d-dizgwit li kien hemm bejn l-appellant u l-parti leza li kien ilu ghaddej xhur, fejn rizultat tal-argument, l-appellant agixxa bil-mod li agixxi bl-intenzjoni li jikkawza hsara lil parti leza. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-**

**Pulizija (Spettur Frankie Sammut) vs. Noel Degiorgio'**[10]:

*'Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jghid hekk: "To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. … … Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."*[11] *(sottolinear ta' din il-Qorti).'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Emanuel Zammit'**[12] gie kkunsidrat li:

*'Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fit-tessuti. L-artikolu 214 tal-Kap.9, meta jitkellem dwar "...ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna..jew diżordni f'moħħa..." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-artikolu 372 tal-Codice Zanardelli:*

*"Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito . . .";*

**Luigo Majno** jikkummenta hekk din id-disposizzjoni:

*"Il codice italiano fa consistere il reato in esame in qualunque pregiudizio possa essere recato al corpo, alla salute o alle mente di un uomo, che percio' rimane offeso nella sua intergrita' pesonale. Con cioe', seguendo il piu' moderno indirizzo della dottrina e della legislazione, si e' allegata la nozione di questio reato dalle soluzioni di continuita' nel corpo umano con*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Dicembru, 2014 (Numru: 926/2008)
[11] Pagna 225. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fis-sentenza citata)
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu, 1998

*effusione di sangue, e dalle violenze che senza effusione di sangue cagionano un dolore fisico, fino a comprendere anche le perturbazioni recate alla mente di un uomo d'altrui opera malvagia o colposa. E il codice italiano - come spiega la relazione ministeriale sul progetto del 1887- adotto' pertanto (in conformita' al codice toscano) il titolo di lesione personale che si rifersce all'effetto dell'azione, anziche' quello usato dal codice sardo, di ferite e percosse, con le quali espressioni e' anche imperfettamente designato il fatto crimonoso, che puo' dipendere da altre e ben diverse cause di nocumento corporale. Specificando poi i vari effetti nei quali la lesione puo' consistere - e cioe' danno nel corpo o nella salute o perturabazione di mente - il codice italiano volle essere piu' esatto e completo del codice toscano, che non menzionava la salute e parlava invece, oltre che di danno al corpo, anche di dolore, che e' pur esso, fisiologicamente, un danno" (Majno, L. Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1924), Vol. 3, pp. 292-293, para.1930);*

U **Giulio Crivellari** jkompli jippreċiża:

*"Il criterio essenziale del delitto di lesione sta in una atto materiale, che produce una minorazione ad un uomo del godimento della sua personalita' senza distruggerla, un dolore fisico, un detrimento nel corpo o un disturbo al suo intelletto" (Crivellari, G., Il Codice Penale per il Regno d'Italia, Unione Tipografico (Torino), 1986, Vol VII, p.860, para. 60);*

*Fi kliem iehor, anke s-sempliċi uġigħ ikkaġunat minn daqqa jew percossa tammonta għal ħsara (fil-ġisem jew fis-saħħa) fis-sens ta' l-artikolu 214 tal-liġi tagħna...'*

Dak li l-prosekuzzjoni kellha tipprova kienet l-intenzjoni generika li l-appellant jaghmel hsara lill-parti leza zghira kemm hi zghira u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tal-intenzjoni tal-appellant li jikkawzi l-griehi fin-natura li hu kkawzahom izda l-appellant ghandu jwiegeb tal-griehi li attwalment gew sofferti rizultat tal-agir tieghu. Il-Prosekuzzjoni irnexxielha tiprova l-ewwel imputazzjoni fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni nonostante l-konflitt dwar jekk l-appellanta qabadx it-tazza b'idu u faqaha f'wicc il-parti leza jew jekk b'siequ faqax it-tazza waqt li kienet f'id il-parti leza waqt li hi tbaxxiet biex tixrob, verzjoni li l-Ewwel Qorti ma emmnitx. L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li l-aghar griehi li soffriet il-parti leza kienu fuq in-naha tax-xellug ta' wiccha u cioe' mhux man-naha li kienet vicin l-appellant izda n-naha l-ohra. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel is-sottomisjonijiet tieghu dwar dan ossia li '*Jekk kien bil-qeghda u qabad tazza (ma nafux minn fejn, jekk minn idejjha jew*

*mill-mejda) b'hekk il-probabbilita kien jaghtieha daqqa fuq in-naha l-aktar vicin tieghu. Fil-fatt ma kienx il-kas ghaliex il-giehi tal-parte civile kienu fuq in-naha tax-xellugg taghha, meta kien fuq il-lemin taghha. Jekk l-appellant qam bil-wieqfa u kien faccata in-naha tax-xellug ghaliex huwa aktar facli li jaghti d-daqqa b'dan il-mod. Izda jidher li fil-verzjoni tal-parte civile, l-appellant kien ghadu bil-qeghda hdejha bir-rizultat li kien jintefa fuqha biex jilhaq in-naha tax-xellug u dan anki jekk bil-qeghda koxxa ma' koxxa, li ma nafux jekk kienux. L-appellant jissottometti li l-pozizzjoni tal-griehi jindikaw l-incident ghaliex jekk il-parte civile tbaxxiet biex taqbad it-taxxa u tpoggieha ma' halqha filwaqt fl-istess hin l-appellant gholla saqqajh b'tali mod li gholla t-tazza a go wiccha. B'hekk m'huwiex barra minn hawn, li d-dinamika ta; l-impatt ikkawzaw il-griehi b'certu qawwa u l-pozizzjoni taghhom.'*

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li in-natura tal-griehi li soffriet il-parti leza jikkonfermaw li dak li sehh sehh minhabba impatt qawwi u ghalhekk jekk l-incident sehh kif spjega l-appellant, il-Qorti ma kinitx tistenna li t-tazza tinkiser u in oltre tinfaqa f'wicc il-parti leza. Izda kif gia kkunsidrat, anke jekk din il-Qorti kellha tilqa' l-verzjoni moghtija mill-appellant dwar kif sehh l-incident ossia li t-tazza intlaqtet b'saqghajh u li ghalhekk ma faqahiex f'wicc il-parti leza b'idejh, din il-Qorti xorta wahda hija konvinta milll-provi prodotti li dak li sehh ossia l-manuvra li l-appellant jghid li ghamel saret intenzjonament biex tikkawza hsara fuq il-parti leza.

B'zieda ma dak ikkunsidrat, l-appellant fl-appell tieghu ssottometta wkoll li diffett iehor fl-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti kienet rigward il-qtugh f'idejn l-appellant. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-impatt tat-tazza kien tant qawwi li l-appellant 'sofra griehi'. Jissottometti li l-Qorti ma ratx dawn il-griehi u lanqas hemm ritratti fil-process jew gie nominat espert mediku. L-appellant spjega lil pulizija li l-griehi gew ghaliex gabar il-bicciet tal-hgieg minn mal-art. Skont l-appellant wiehed jifhem li jekk verament l-appellant kisser it-tazza f'wicc il-parte civile, il-griehi f'idejh kellhom jkunu sostanzjali b'*lacerations* li jidhru sew u jkollhom bzonn medikazzjoni. Jisottometti li l-Pulizija li kienu fuq il-post ftit wara l-incident ma jirraportawx li l-appellant kellu dawn il-griehi. Jissottometti li hadd ma ra l-griehi hlief l-appellant stess u l-Ispettur investigattiv. Minkejja dan, skont l-appellant l-Ewwel Qorti qabzet ghal konkluzjoni li l-griehi kienu tali entitita li kienu kompatibbli ma' dawk ta' persuna li tkisser tazza b'impatt qawwi. Dan skont l-appellant ma kienx il-kaz.

Din il-Qorti filwaqt li ma taqbilx mal-appellant li jekk verament kisser it-tazza f'wicc il-parte civile, il-griehi f'idejh kellhom jkunu sostanzjali, gialadarba ma giex mahtur espert sabiex jirrelata dwar l-allegati griehi li l-appellant kellu f'idejh u dan biex jikkonstata jekk dawn jikkombacawx ma' griehi kkawzati minn persuna li jkun qabad tazza b'idejh u faqaha f'wicc persuna ohra jew kif l-appellant qal lill-Ispettur li dawn il-girehi li kellu f'idejh gew mill-fatt li meta nehha il-hgieg tat-tazza mkissra jahseb li kien ippanikjat u ghafas xi ftit zejjed u qata idejh, din il-Qorti sejra tiskarta fejn l-Ewwel Qorti tat piz fuq dak li l-ufficjal prosekutur xehed rigwardanti dawn il-qtugh li l-appellant kellu f'idejh.

Nonostante dan, kif gia kkunsidrat din il-Qorti hija mill-provi prodotti konvinta li l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara fuq il-persuna tal-parti leza rizultat tal-argument li huma kellhom bejniethom. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-appellant li n-nuqqas ta' informazzjoni u dettalji mill-parte civile u l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti huwa *unsafe*. Jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-appellant ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq l-parti leza. Ma hemmx dubju li rizultat tal-att volontarju da parti tal-appellant, il-parti leza fost feriti ohra tilfet id-dawl ta' ghajn wahda u ghalhekk dan jaqa' fl-ambitu tal-artikolu 214 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint u din il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, senjatament dik ta' prigunerija effettiva. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant disa' (9) xhur prigunerija kif ukoll li bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza Veronica Muscat u ghaz-zammha tal-ordni pubblika fejn rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal perjodu ta' sena li tibda tiddekorri minn meta jiskonta l-piena imposta.

L-appellant jissottometti li hemm alternattiva ghal sentenza ta' prigunerija u li hemm element uman fejn l-appellant jghix ma ommu li hi single mother u marida hafna u li

ghandha bzonn l-ghajnuna tieghu. Din il-Qorti tibda biex temfasizza li l-appellant kellu jzomm il-hajja personali tieghu quddiem ghajnejh qabel ikkommetta dak li kkommetta u ma jistax jippretendi li issa f'dan l-istadju l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' sottomissjonijiet li jmorru lil hinn mill-provi prodotti.

Din il-Qorti tqis li l-griehi sofferti mill-parti leza kienu severi tant li jirrizulta li l-parti leza spiccat anke tilfet id-dawl ta' ghajn wahda rizultat tal-incident u li ghalhekk ghandu konsegwenzi serji u permanenti fuqha. Minn naha l-ohra, din il-Qorti sejra tqis ukoll l-fedina penali netta tal-appellant, l-eta' tal-appellant u li minkejja li fix-xhieda tal-parti leza moghtija fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet li wara l-incident '*giet ommu mieghi, inzilt it-tarag u dak il-hin stess ommu qaltli 'mur irrapurtah ghax lili mhux l-ewwel darba refa' idejh fuqi u anki lit-tfajliet li kellhu ta' qabel*'', ma tressqet ebda prova biex tissustanza dan, lanqas omm l-imputat ma xehdet dwar dan. Din il-Qorti qieghda tikkunsidra ukoll il-fatt li l-incident sehh aktar minn sitt (6) snin ilu.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti li l-appellant ghandu jintrabat taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, ma thoss li piena karcerarja hija wahda idonea fic-cirkostanzi kemm ghall-appellant u anke ghas-socjeta' in generali. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-unika piena li tista' taghti hija wahda karcerarja. Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi l-fatt li l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta sehh ir-reat kien jipprovdi ghal piena karcerarja ghal perjodu bejn disa' (9) xhur sa' disa' (9) snin u llum il-gurnata gie emendat biex jipprovdi ghal perjodi karcerarji itwal, ma hemm xejn x'jiprojbixxi lil Qorti milli tissospendi l-perijodu effettiv ta’ prigunerija.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti thoss li jkun opportun li l-appellant jigi kundannat piena prigunerija sospiza u li jitpogga taht ordni ta' supervisjoni ghal zmien masimu permess mill-ligi ta’ erba’ snin sabiex ikun sorveljat minn Ufficjal. Din il-Qorti qieghda tistieden lill-appellant sabiex jiehu l-opportunita' li din il-Qorti sejra taghtih b'din is-sentenza u dan sabiex jimxi fit-triq it-tajba ghaliex fin-nuqqas ser isib l-id iebsa tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati

tal-ewwel (1) imputazzjoni, qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat prigunerija effettiva ghal disa' (9) xhur u sejra minflokk bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant ghal piena ta′ sentejn prigunerija sospiza ghall-perijodu ta erbgha snin u tpoggi lill-appellant taht ordni ta' supervisjoni ghal zmien erba′ snin mil-lum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Qieghda tikkonferma l-ordni bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza Veronica Muscat u ghaz-zammha tal-ordni pubblika qed torbot lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal perjodu ta' sena li jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' SUPERVISJONI (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 28G TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Illum: 28 ta' Marzu, 2019

Il-Pulizija

(Spettur Jesmond Micallef)

(Spettur Jason F. Sultana)

vs

Eric Sciberras Balbi

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Eric Sciberras Balbi gie kkonfermat bhala hati tal-ewwel imputazzjoni kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervisjoni u dan fosthom li l-appellant huwa *first time offender*, gie mpoggi taht Ordni ta' Supervisjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervisjoni (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l- Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' erba' snin millum, ikun jista jigi kkundannat jiskont is-ssentenza ta prigunerija mghoti lilu minhabba r-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u

illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Supervisjoni;

Ghalhekk tordna li l-hati Eric Sciberras Balbi, detentur tal-karta tal-identita' numru 198690M ikun ghal perjodu ta' erba' snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' sorveljanza, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficcjal Sorveljanti u jzzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal Sorveljanti mahtur lilu.

2. L-Ufficcjal Sorveljanti mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficjal Sorveljanti b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal Sorveljanti skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal Sorveljanti.

5. Li l-hati ghandu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal Sorveljanti intizi li jghinu lill-hati biex ma jergax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra jekk hemm bzonn anke jattendi anger management programme.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 28G (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligïjiet ta' Malta.

.........................................

Eric Sciberras Balbi

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur